# IR-RAKKONTI TA' MONS. L. VELLA FUQ L-ISTORJA T'GHAWDEX

*Ta'* Mons. Anton Gauci

TA' interess kbir għall-istudjużi ta' l-istorja t'Għawdex huma r-rakkonti li Mons. Lwiġi Vella kiteb fuq ġrajjiet storiċi ta' Għawdex ta' mijiet ta' snin ilu. Dawn il-kotba huma ħamsa, wieħed minnhom, "Nikol Għabdul", f'żewġ taqsimiet.

L-ewwel li deher kien "Fernandu Montagnes", ġrajja ta' żmien l-Ispanjoli, fis-sena 1896. Sentejn wara ħareġ ir-rakkont "Bernard Dopuo", ġrajja ta' żmien il-Granmastru D'Omedes. Fl-1902 Dun Alwiġ tana "Isolda", storja ta' żmien is-Sultan Verdala. Imbagħad "Bint il-Ħakem", ġrajja fil-bidu ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'dawn il-Gżejjer, wara ħames snin. "Nikol Għabdul" li hu l-aħħar wieħed : l-ewwel taqsima tiegħu dehret fl-1907; u t-tieni ġrajja ta' żmien l-aħħar snin tal-Għarab f'Malta u Għawdex maħruġa fl-1908.

Dawn huma rakkonti li jfakkruna sewwa fiż-żminijiet li minnhom għaddew missirijietna; iġagħluna nistagħġbu mhux ftit bil-ġrajjiet tagħhom, nagħdruhom f'li ġarrbu u, fl-istess ħin, nammirawhom għall-kuraġġ u qlubija tagħhom. L-istorja ta' Għawdex nistgħu, bla dubju ta' xejn, ngħidu li hija fqira wisq fit-tifkiriet tal-qedem. Mons. Vella, studjuż kbir ta' l-Istorja ta' art twelidu—hawnhekk nistgħu ninnotaw li hu kien qiegħed jikteb "Storja t'Għawdex" qabel ma miet—ħallielna f'dawn ir-rakkonti tifkiriet ta' siwi kbir u ta' interess speċjali li mhux dejjem issbhom f'kotba oħra ta' l-Istorja. Min jaf kemm xogħol ta' riċerki swielu lil Dun Alwiġ dan it-tagħrif li jagħtina!

Jekk irridu kwadru ċar ta' kif kien Għawdex ħames mitt sena ilu, speċjalment tax-xena li kien jippreżentalna dak iż-żmien il-Kastell, biżżejjed niftħu "Bint il-Ħakem" u naqraw l-ewwel paġni ta' dan il-ktieb. Qabel ma ġew il-Kavalieri f'Malta, Għawdex kien hawn biss minn sitt elef sa tmint elef ruħ. Il-gżira kellha l-gvern tagħha, li ma kellu xejn x'jaqsam ma' ta' Malta, u gvernatur imsejjaħ "Ħakem". Is-sur tal-Gran Kastell kien jiġbor fih in-numru l-kbir tan-nies tal-gżira. Kien mimli bid-djar u l-palazzi, u kien fih mhux inqas minn ħames knejjes. Barra mill-Kastell, il-knejjes ta' San Ġorġ, Santa Sa-

bina, u San Gakbu, maż-żewġ kunventi ta' Santu Wistin u San Franġisk u ftit djar imxerrda 'l hawn u 'l hinn, kienu jiffurmaw ir-Rabat. L-irħula kienu bosta, imma ma kinux ħlief ftit djar qrib xulxin b'xi knisja żgħira fosthom. Bil-lejl in-nies kollha kienet tinġabar fil-Kastell, biex ma jiġux misruqin għall-għarrieda. Il-gżira kienet mimlija bis-siġar, donnha ġnien, u 'l hawn u 'l hinn xi dar kbira ta' xi familja għanja.

In-nies kienu jgħixu f'biża' kontinwu li jiġu attakkati mit-Torok, misruqin u meħudin fil-jasar. Fuq ix-xtut kien hemm dejjem l-għases biex jagħtu l-aħbar malli jitfaċċaw xi xwieni fuq ix-xefaq. Kemmuna kienet bejta tal-ħallelin, fejn spiss kienu jistaħbew ukoll l-istess Torok.

F'dawn ir-rakkonti nistgħu ngħidu li ngħixu f'atmosfera ta' ġlied u biża' kontinwu. L-imsejkna antenati tagħna, spiss attakkati mill-kursari Torok, kien ikollhom jitqabdu għall-mewt, biex forsi jsalvaw r-Reliġjon f'pajjiżhom u l-istess art twelidhom. Ħaġa importanti f'dawn il-kotba hija l-parti li għandhom it-"Tradituri", u tradituri mhux biss fil-persuni ta' l-irsiera li kien ikun hawn Għawdex imma wkoll fil-persuni ta' xi wħud mill-istess ħbieb u aħwa: eżempj koroh għandna f'Luqa ta' "Bernard Dopuo", f'Aħmed u Lippu ta' "Bint il-Ħakem", f'Karlu Pereira ta' "Fernandu Montagnes". Tradituri kienu jinsabu saħansitra fost l-istess għedewwa, ħaġa li spiss kienet ta' għajnuna kbira għall-Maltin u Għawdxin biex jiksbu informazzjonijiet importanti u biex jirnexxilhom jeħilsu lil sħabhom mill-istess jasar.

Ma' dik tat-tradituri nsibu dik l-oħra tad-delitti u tal-vendetti, bosta drabi mwettqa bl-akbar kefrija. Dan mhux biss minnaħa tat-Torok kontra l-imsejkna Maltin u Għawdxin, imma xi drabi wkoll minn xi familja ta' dawn il-gżejjer kontra xi familja oħra, bħalma kienet il-familja Rioles kontra l-familja Mannar fil-ktieb "Bint il-Ħakem", il-familja Alagona kontra l-familja Guevara fil-ktieb "Isolda", Pereira kontra Montagnes f'"Fernandu Montagnes" !

Imma jekk insibu t-tradimenti u d-delitti, għandna wkoll fin-nies ta' dawk iż-żmenijiet bosta eżempji sbieħ ta' vera mħabba u ta' spirtu ta' sagrifiċċju għal xulxin u għal art twelidhom. Wara r-Reliġjon, pajjiżhom kien ifisser kollox għalihom. Għal art twelidhom, missirijietna kienu jbatu u jiġġieldu. Kienu jiddefenduha sal-mewt, ukoll meta jafu li l-għadu hu bil-bosta

aktar qawwi minnhom u huma ftit għandhom speranza li jirreżistu. Bernard Dopuo baqa' jissemma għax miet jiġġieled għal pajjiżu u biex il-mara u wliedu ma jaqgħux f'idejn il-għadu, bniedem wieħed kontra għadd kbir ta' Torok li kienu diġà qerdu u farrku kull xkiel ta' reżistenza! Biex jagħmlu ġid lil pajjiżhom, kienu saħansitra minn jeddhom imorru fil-jasar u jesponu rwieħhom għall-periklu tal-mewt.

Haġa li tassew jisthoqqilha ammirazzjoni hija, f'dawn irrakkonti ta' Dun Alwiġ, l-idea ta' l-imħabba fl-ambjent tal-familja! Imħabba tal-ġenituri għall-ulied, imħabba tat-tfal għall-ġenituri tagħhom, imħabba tal-għarjjes bejniethom, imħabba bejn l-aħwa. Dejjem, iżda, hija mħabba safja, li għandha l-għeruq tagħha fi qlub imdawla bid-dawl tar-Reliġjon tagħna. Lina ta' "Bernard Dopuo" dejjem lesta biex turi mħabbitha lejn missierha; Isolda, bint familja nobbli, issir serva biex tgħin lil ommha u 'l missierha fil-bżonn; Imperja u Ċikku f'"Fernandu Montagnes" huma t-tip ta' l-imħabba bejn l-aħwa fl-aqwa tagħha; Marija ta' "Nikol Għabdul" mġiegħla tmur għall-gwerra mill-imħabba li kellha għal ħuha.

Mons. Vella jpoġġi fi kruha partikulari ċerti difetti li spiss niltaqgħu magħhom fost il-bnedmin, dak iż-żmien bħal-lum, u dan bl-iskop li jġegħlna nistmerruhom u naħarbuhom. Hekk insibu l-kumpannija ħażina b'dak li ġġib magħha f'"Bint il-Hakem": mal-ħażin issir ħażin; l-ispirtu ta' vendetta fl-Ammirall Dragut ta' "Bernard Dopuo" u f'oħrajn li diġà semmejna; is-suppervja, il-mibegħda u l-qalb li ma taħfirx fil-Kuntessa Alagona ta' "Isolda"; il-malizzja tal-bniedem f'Alì Hassan ta' "Fernandu Montagnes".

Mill-banda l-oħra, Dun Alwiġ ipoġġi f'dawl ta' sbuħija li ma bħalu ċerti karatteristiċi u virtujiet li jinnobilitaw 'l bniedem, u dan biex iġagħlna nfittxuhom. Hekk, mhux biss l-imħabba bejn il-membri diversi tal-familja, kif diġà rajna, imma wkoll il-vera mħabba fost il-ħbieb, bħal dik bejn Fernandu Montagnes u Ċikku Demanuele; l-ispirtu li nitolbu għal min jagħmlilna d-deni, bħalma kienu jagħmlu Lisa ta' "Bint il-Hakem" u Isolda; il-maħfra tal-għedewwa, bħalma wriet Imperja f'"Fernandu Montagnes", Halif u Mariah f'"Nikol Għabdul"; l-edukazzjoni tajba tat-tfal, bħal dik li tidher fl-ewwel paġni ta' "Fernandu Montagnes" u fit-trobbija ta' Nikol Għabdul: il-qawwa tat-talb u l-fiduċja fl-istess talb, kif jidhru f'dawn l-aħħar żewġ kotba u f'"Bint il-Hakem".

F'dawn il-kotba Mons. Vella jagħtina tagħrif storiku fuq il-gżira t'Għawdex ta' importanza mill-akbar. Kif kienet il-gżira tagħna fi żmien l-Għarab jidher ċar f'"Nikol Għabdul": dan il-ktieb iservi ħafna biex inneħħu xi preġudizzji u ideat ħżiena li jista' jkollna fuq l-Għarab li, tneħħi dik li hi Reliġjon, sebbħu sewwa lil pajjiżna u għamlu ħafna ġid fil-gżejjer tagħna. Kif kien imbagħad l-istess Għawdex fiż-żmenijiet ta' wara, jiġifieri fi żmien l-Ispanjoli u l-Kavalieri ta' San Ġwann, insibuh fir-rakkonti l-oħra. Għandna tagħrif storiku sewwa fuq ċerti lokalitajiet tal-gżira, bħalma huma l-Kastell, ir-Rabat, ir-Ramla u xi nħawi oħra.

L-istil ta' dawn il-kotba mhux talli ma jgħajjikx, imma jgħinek ħafna biex tidħol fl-ispirtu ta' l-istorja u fil-moħħ ta' l-awtur: stil mingħajr diffikultajiet u komplikazzjonijiet fit-tifsir tal-ħsieb u fil-bini tas-sentenzi u tal-paragrafi. Ċerti xeni, speċjalment dawk li juru l-għaqda wara l-firda, wara t-telfa tal-persuna u l-jasar, huma tssew kommoventi u jimlewk bil-ferħ inti u taqrahom. Ta' interess kbir u ta' tant ħtieġa, ukoll għal dik li hi esperjenza u tagħlim tal-ħajja, huma ċerti osservazzjonijiet u ċerti massimi li Dun Alwiġ jagħtina 'l hawn u 'l hinn, bħal, ngħidu aħna, dik li nsibu f'dawn il-kelmiet ta' hawn taħt u li jgħoddu għal kull bniedem, hu min hu, li jokkupa xi post ta' awtorità:

"Meta tkun tiflaħ wisq, ma tridx terfa' rasek iżżejjed u tgħakkes lil ta' taħtek, għaliex jiġi żmien li tkun bżonnhom, u ssbhom għedewwa tiegħek" (f'"Nikol Għabdul").

---

## KRONAKA TAL-GĦAQDA

**Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Marzu, fid-9.30 a.m., fl-Oratorju ta' San Ġwann saret Quddiesa għal ruħ erbgħa mill-Membri Akkademiċi tal-Għaqda li mietu dan l-aħħar, li huma: ir-Rev. Patri Professur Anastasju Cuschieri, O.C., Ph.D., S.Th.D., li kien President Onorarju tal-Għaqda, Dr. R. Briffa, B.Sc., M.D., u s-Sinjuri Rogantin Cachia, Membru fl-ewwel Kumitat tal-Għaqda, u Ġużè Porsella Flores, li kien wieħed mill-Membri ewlenin u għal xi żmien Teżorier tal-Għaqda.**